32001D0078

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
tat-22 ta' Jannar 2001
li tistabbilixxi l-Kumitat tal-Politika u s-Sigurtà

(2001/78/PESK)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u partikolarment l-Artikolu 28(1),

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u partikolarment l-Artikolu 207 tiegħu,

Filwaqt illi jiġbed l-attenzjoni għall-Artikolu 25 tat-Trattat fuq l-Unjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Kunsill Ewropew f'Helsinki qabel in prinċipju li jistabbilixxi Kumitat tal-Politika u s-Sigurtà u, fuq il-bażi ta' dawn il-konklużjonijiet, Kumitat tal-Politika u s-Sigurtà temporanju ġie stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/143/PESK [1].

(2) Il-Kunsill Ewropew f'Nizza tas-7 sal-11 ta' Diċembru 2000 wasal għal qbil fuq l-istabbiliment tal-Kumitat tal-Politika u s-Sigurtà permanenti, kif ukoll stabbilixxa r-rwol, il-modalitajiet u l-funzjonijiet tiegħu.

(3) Skond linji gwida tal-Kunsill Ewropew ta' Nizza, dan il-Kumitat għandu jkun lest biex jibda xogħlu.

(4) Il-prinċipju ta' rappreżentazzjoni waħda ta' l-Istati Membri fl-Unjoni għandha tkun rispettata fl-intier tagħha,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Kumitat tal-Politika u s-Sigurtà (PSC) (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-Kumitat) għandu jkun stabbilit bħala formazzjoni permanenti tal-Kumitat kif imsemmi fl-Artikolu 25 tat-Trattat.

Artikolu 2

Ir-rwol, il-modalitajiet u l-funzjonijiet tal-Kumitat huma definiti fl-Anness, li jirriproduċi l-Anness III mar-rapport tal-President approvat mill-Kunsill Ewropew ta' Nizza.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tkun effettiva mid-data ta' meta tiġi adottata.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

Magħmula fi Brussell, fit-22 ta' Jannar 2001.

Għall-Kunsill

Il-President

A. LINDH

[1] Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/143/CFSP ta' l-14 ta' Frar 2000 li jistabbilixxi l-Kumitat tal-Politikà u s-Sigurtà temporanju (ĠU L 49, tat-22.2.2000, p. 1).

L-ANNESS

KUMITAT GĦALL-POLITIKA U S-SIGURTÀ

L-approċċ adottat f'Helsinki jagħmel il-PSC il-pern tas-sigurtà u d-difiża politika Ewropea (ESDP) u tal-Politika barranija u ta' sigurtà komuni (PESK): "Il-PSC għandha titratta ma' kull aspett tal-PESK, inkluż il-CESDP……". Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 207 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, il-PSC għandha tieħu rwol importanti fid-definizzjoni u l-monitoraġġ tar-reazzjoni ta' l-UE f'kaz ta' kriżi.

Il-PSC għandu jieħu ħsieb il-kompiti kollha definiti fl-Artikolu 25 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TEU). Jista' jissejjaħ fil-format ta' Direttur Politiku.

Wara li kkonsultaw il-Presidenza u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 18 tat-TEU, is-Segretarju Ġenerali/r-Rappreżentant Għoli għall-PESK jista' jippresjedi l-PSC, speċjalment fil-każ ta' kriżi.

1. Il-PSC għandu partikolarment:

   (a) iżomm ruħu aġġornata mas-sitwazzjoni internazzjonali fis-setturi li jaqgħu fil-politika estera u ta' sigurtà komuni, jgħin biex jiddefinixxi politiki billi jipprepara "opinjonijiet" għall-Kunsill, jew fuq it-talba tal-Kunsill jew fuq l-inizjattiva tiegħu stess, u jagħmel monitoraġġ fuq l-implimentazzjoni tal-politiki miftiehma, dan kollu mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 207 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej u tal-poteri tal-Presidenza u tal-Kummissjoni;

   (b) jeżamina l-oqsma ta' l-abbozz tal-konklużjonijiet tal-GAC li fihom huwa involut;

   (ċ) jipprovdi linji ta' gwida għal Kumitati oħra fuq kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-PESK;

   (d) iżomm konnessjoni privileġġata mas-Segretarju Ġenerali/r-Rappreżentant Għoli (SG/HR) u r-rapprezentanti speċjali;

   (e) jibgħat linji ta' gwida lill-Kumitat Militari; jirċievi l-opinjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Militari. Il-President tal-Kumitat Militari (EUMC), li jżomm il-kuntatt ma' l-Impjegati Militari ta' l-Unjoni Ewropea (EUMS), jieħu sehem, fejn hu neċessarju, fil-laqgħat tal-PSC;

   (f) jirċievi informazzjoni, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet mill-Kumitat għat-Tmexxija ta' Kriżi mill-Aspett Ċivili u jibgħatlu linji ta' gwida fuq kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-PESK;

   (g) jikkoordina, jissorvelja u jagħmel monitoraġġ fuq il-kwistjonijiet tal-PESK f'diversi Partiti tal-Ħidma, li lilhom jista' jibgħat linji ta' gwida u li għandu jeżamina r-rapporti tagħhom;

   (h) imexxi d-djalogu politiku fil-kapaċità tiegħu stess u fil-forom stabbiliti fit-Trattat;

   (i) jipprovdi forum privileġġat għal djalogu fuq l-ESPD mall-ħmistax u mas-sitta kif ukoll man-NATO skond l-arranġamenti stabbiliti fid-dokumenti relevanti;

   (j) taħt il-patroċinju tal-Kunsill, għandu tieħu responsabbiltà għad-direzzjoni politika ta' l-iżvilupp tal-kapaċitajiet militari, waqt illi jikkonsidra t-tip ta' kriżi li għaliha l-Unjoni tixtieq tirreaġixxi. Bħala parti mill-iżvilupp tal-kapaċitajiet militari, l-PSC għandu jirċievi l-opinjoni tal-Kumitat Militari assistit mill-Impjegati Militari Ewropej.

2. Barra dan, fil-kaz ta' kriżi l-PSC huwa l-korp tal-Kunsill li jieħ ħsieb is-sitwazzjonijiet ta' kriżi u jeżamina l-possibilitajiet kollha li jistgħu jkunu kkunsidrati bħala r-risposta ta' l-Unjoni fil-qafas istituzzjonali wieħed u bla ħsara għall-proċeduri ta' deċiżjoni u implimentazzjoni ta' kull kolonna. Għalhekk huma l-Kunsill, li x-xogħol preparatorju tiegħu hu magħmul minn Coreper, u l-Kummissjoni biss li għandhom il-poter, kull wieħed fis-setturi tal-kompetenza proprja u skond il-proċeduri stabbiliti mit-Trattati, li jieħdu deċizjonijiet vinkolanti legalment. Il-Kummissjoni teżerċita r-responsabbiltà u l-poter ta' inizjattiva tagħha taħt it-Trattati. Coreper jeżerċita r-rwol mogħti lilu mill-Artikolu 207 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej u mill-Artikolu 19 tar-regoli ta' proċedura tal-Kunsill. Għal dan il-għan, għandu jkun informat f'ħin xieraq mill-PSC.

   F'sitwazzjoni ta' kriżi, l-koordinazzjoni bejn dawn iż-żewġ korpi hija speċjalment neċessarja u tkun assigurata partikolarment:

   (a) bil-parteċipazzjoni, fejn neċessarja, tal-President tal-PSC fil-laqgħat tal-Coreper;

   (b) mir-rwol tal-Kunsilliera għar-Relazzjonijiet Barranin li għandhom il-funzjoni li jżommu koordinazzjoni effettiva u permanenti bejn id-diskussjonijiet tal-PESK u dawk f'kolonni oħra (l-Anness mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 1992).

   Biex jipprepara r-reazjoni tal-UE għall-kriżi, huwa għall-PSC li għandu jipproponi lill-Kunsill l-għanijiet politiċi li għandhom jiġu segwiti mill-Unjoni u li jirrakommanda lista koeżiva ta' possibilitajiet li jkunu mmirati biex jikkontribwixxu għas-soluzzjoni tal-krizi. Jista' b'mod partikolari jirrakommanda lill-Kunsill li jadotta azzjoni konġunta. Mingħajr preġudizzju għar-rwol tal-Kummissjoni, għandu jissorvelja l-implimentazzjoni tal-miżuri adottati u jagħmel stima ta' l-effetti tagħhom. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-PSC tal-miżuri li adottat jew li qed tikkunsidra li tadotta. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-PSC tal-miżuri li adottaw jew li qed jikkunsidraw li jadottaw fil-livell nazzjonali.

   Il-PSC jeżerċita "l-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika" tar-risposta militari ta' l-UE għall-kriżi. Għal dan il-għan, fuq il-bażi tar-rakkomandazzjonijiet u l-opinjonijiet tal-Kumitat Militari, għandu jikkunsidra partikolarment l-elementi essenzjali(l-għażliet strateġiċi militari li jinkludu l-kmand, il-kunċetti u l-pjanijiet operazzjonali) li għandhom jingħataw lill-Kunsill.

Il-PSC għandu r-rwol importanti li jkattar il-konsultazzjoni, partikolarment bejn in-NATO u terzi stati oħra involuti.

Fuq il-bażi tal-proċeduri tal-PSC, is-Segretarju Ġenerali/r-Rappreżentant Għoli għandu jidderiġi l-attivitajiet taċ-Ċentru tas-Sitwazzjoni. Dan ta' l-aħħar għandu jsostni lill-PSC u jipprovdieh bl-intelliġenza xierqa għall-amministrazzjoni ta' kriżi.

L-arranġamenti li ġejjin għandhom jittieħdu biex jgħinu lill-PSC sabiex jassigura "l-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika" sħiħa ta' l-operazzjoni ta' l-amministrazzjoni ta' kriżi militari:

(a) bl-għan illi tibda operazzjoni l-PSC għandu jibgħat rakkomandazzjoni lill-Kunsill bbażata fuq l-opinjonijiet tal-Kumitat Militari skond il-proċeduri preparatorji tal-Kunsill. Fuq dik il-bażi l-Kunsill jiddeċiedi li jibda iħaddem l-operazzjoni fl-ambitu ta' azzjoni konġunta;

(b) skond l-Artikoli 18 u 26 tat-TEU, l-azzjoni konġunta għandha tistabbilixxi, partikolarment, ir-rwol tas-Segretarju Ġenerali/r-Rappreżentant Għoli fl-implimentazzjoni tal-miżuri li jaqgħu taħt "il-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika" eżerċitata mill-PSC. Għal dawn il-miżuri s-Segretarju Ġenerali/r-Rappreżentant Għoli għandu jimxi bil-kunsens tal-PSC. Fil-kaz illi deċiżjoni ġdida tal-Kunsill tkun xierqa, tista' tintuża l-proċedura sempliċi bil-miktub (L-Artikolu 12(4) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Kunsill);

(ċ) waqt l-operazzjoni, l-Kunsill għandu jkun infurmat permezz ta' rapporti tal-PSC ippreżentati mis-Segretarju Ġenerali/r-Rappreżentant Għoli fil-kapaċità tiegħu bħala President tal-PSC.